BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt


31 ta' Awwissu, 2009

**Minuti tal-laqgha numru 32(05)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal laqgha numru 32(05) fl-ufficini Amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar it-Tlieta 18 ta' Awwissu, 2009, fi 6.30 ta' filghaxija.

**Preżenti**

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sur Christopher Cassar – Vici Sindku, s-Sinjura Miriam Grech – Kunsilliera, s-Sur Ivan Peresso - Kunsillier u s-Sinjura Judith Saliba - Kunsilliera.

Ippresieda s-Sindku, s-Sur John Boxall

**Talba**

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**.

1.1 Item 1.2 (31/05), Triq il-Kunvent
Is-Sindku qal li l-Kunsill qieghed jircievi diversi telefonati minghand ir-residenti ta' din it-triq, biss, il-Kunsill Lokali tal-Birgu ghadu qieghed jistenna risposta min-naha ta' l-Awtorita tat-Trasport.

1.2 Item 1.3(31/05), Applikazzjoni ghal-lift f'Couvre Porte
Is-Sindku, s-Sur John Boxall nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-MEPA oggezzjonat ghall-apllikazzjoni tal-Kunsill sabiex isir Lift.

Hawnhekk is-Sur John Boxall, Sindku nforma lill-Kunsilliera li hu talab laqgha mal-Perit Mark John Scicluna, biss, il-Perit ma giex hawnhekk. Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jghajjat lill-Kuntratturi kollha u ninfurmawhom li l-Kunsill mhux kuntent bix-xoghol mghoti minn uhud minnhom.

1.3 Dwar Item 1.7(31/05),
Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lill-kunsill li Dr. Albert Caruana mill-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali, nfoma lis-Sindku verbalment li ser isiru parti mix-xoghlijiet mitluba, biss, il-Kunsill Lokali tal-Birgu ghadu qieghed jistenna risposta dwar it-talba sabiex isiru xoghlijiet ta' manutenzjoni tat-tliet lattrini li hawn fil-Birgu.

1.4 Dwar item 1.8 (31/05), Sotto Kumitat tar-Residenti Brranin li jghixu fil-Birgu
Is-Sindku, s-Sur John Boxall ppropona ghall-approvazzjoni tal-Kunsill li dan is-sotto kumitat jkun maghmul mis-Sinjura Lisa Grech, is-Sur Remcoo Slik, is-Sur Mark Zimmerman u s-Sinjura Flavia Zimmerman, is-Sur Patrick Mckay, is-Sinjura Griselda Mc Gougan, is-Sinjura Monique Chambers, is-Sur Thomas Gruenter u s-Sur Geert Sciot. Is-Sinjura Miriam Grech, Kunsilliera, ssekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.5 Item 2.3 (31/05), Is-Sur John Boxall, Sindku ssugerixxa li x-xoghlijiet li hemm bzonn li jsiru ghall-ispustjar ta' l-Ufficini, jsiru biss, jekk jigi approvat l-progett "Virtual Birgu", preparat mis-Sinjura Tunde Kallai, u tinghata s-somma miftiehem mas-Sinjura Kalai f'sem il-kumpanija T.K. Associates Ltd. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.6 Dwar item 2.4 (31/05), Skema dwar Inizjattivi ta' attivitajiet ghas-sena 2010
Wara diskussjoni, s-Sindku, s-Sur John Boxall, ssugerixxa li l-kunsill Lokali tal-Birgu barra li japplika ghall-attivita tal-BirguFest 2010, japplika ukoll ghall-attivita tal-"Festival tal-Loghob Tradizzjonali Malti" u l-attivita "Hamis ix-Xirka fid-Dawl tax-Xemgha". Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.7 Dwar item 2.6 (31/05), Is-Sur John Boxall, Sindku qal li ser ikun hemm laqgha tal-Kumitat Kongunt dwar is-servizz mghoti mill-Kumpanija tal-Gwardjani Lokali, Sterling Security. Fejn ghal din il-laqgha ser jattendi hu, u ser ikompli jishaqq fuq din id-decizjoni li kienet ittiehdet mill-Kunsill.

1.8 Dwar item 4.0 (31/05), Sitwazzjoni prezenti dwar Gallerija Couvre Porte
is-Sindku ta rendikont lill-kunsilliera dwar is-sitwazzjoni prezenti dwar Gallerija Couvre Porte.

1.9 Item 7.0 (31/05), Decizjoni dwar it-Tender ghaz-zamma u manutenzjoni tat-toroq pedonali u tat-toroq li jkunu ghall-access biss.
Is-Sindku qal li qabel ma tintbghat l-accettazzjoni ta' l-offerta lill-kumpanija Lia Brothers Rock Cut, hemm xi verifikazzjonijiet li ghandhom jigu verifikati ma' l-imsemmija Kumpanija specjalment id-dewmien ta' zmien biex jitlestew certu xoghlijiet.

**Korrispondenza**

2.1 Ittra minaghnd is-Sur Gerald Ellul, Segretarju tal-Vittoriosa Stars F.C. fejn talab lill-Kunsill Lokali tal-Birgu, l-uzu ta' Gallerija Couvre Porte nhar il-Hamis 20 ta' Awwissu, 2009 fl-4:30 ta' filghaxija, sabiex tittella konferenza stampa minn dan il-Klabb. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din it-talba u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.2 Is-Sindku prezenta invit minghand l-Walled Towns Friendship Circle ghal-laqgha Generali Annwali li ser issir bejn it-8 u l-11 ta' Ottubru, 2009 gewwa Osmangazi Bursa fit-Turkija. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jippartecipa f'din il-konferenza u ppropona sabiex il-Kunsilliera Miriam Grech tirraprezenta lil dan il-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta ittra bhala "Final Notice" mibghuta mill-Awtorita ta' Malta dwar l-ambjent u l-ippjanar dwar l-emendi mitluba min-naha ta' din l-Awtorita fil-pjanti tal-Gnien tal-Hawli. Is-Sindku talab sabiex jigi nfurmat immedjatament il-Perit responsabbli minn dan il-progett il-Perit Duncan Mifsud, sabiex il-Kunsill ikun jaf aktar l-izviluppi dwar dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Is-Sindku pprezenta ittra mibghuta mill-Onorevoli Tonio Fenech, Ministru ghall-Finanzi, Ekonomija u Investiment b'risposta ghall-ittri mibghuta mill-Kunsill idatata 14 ta' Novembru, 2008 u 9 ta' Frar, 2009, dwar Triq San Lawrenz fil-Birgu.

2.5 Ittra minghand is-Sur Paul Farrugia, Segretarju tal-Kumitat Festi Esterni San Duminku fejn ghan-nom tal-Kumitat talab permess sabiex tithaffer toqba ta' 10 cm diametru fil-paviment tat-traffic Island li tinsab fid-dahla tal-Birgu biswit il-monument tal-Papa, liema toqba ser tintuza minhabba xi armar tal-Festa ta' San Duminku. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti ma sabu l-ebda oggezzjoni ghal dak mitlub.

2.6 Is-Sindku, s-Sur John Boxall, ipprezenta kopja tal-ftehim li sar bejn il-Kullegg Santa Margerita, Skola Primarja Santu Rokku, d-direttorat ghas-servizzi edukattiv u l-Kunsill Malti ghall-Isports sabiex issir l-UEFA Mini Pitch tat-turf sintetiku fl-Iskola Primarja.

2.7 Ittra mill-Onorevoli George Pullicino, Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali fejn talab lill-Kunsill Lokali tal-Birgu jinnomina persuna biex tirraprezenta lill-istess Kunsill fil-Kumitat ghar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti qablu li l-Kunsill jkun rapprezentat mis-Sindku s-Sur John Boxall, u l-Vici Sindku s-Sur Christopher Cassar jkun s-sostitut tieghu.

2.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera, li l-Kunsill gie avvicinat mill-Fondazzjoni Temi Zammit sabiex jissieheb fil-progett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea, l-progett WELCOME, progett b'ko-finanzjament ta' € 10,559.62. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Ittra minghand l-Forum Zghazagh Laburisti fejn talbu l-uzu taz-zona ta' Couvre Porte sabiex il-Gimgha 21 t'Awwissu, 2009, tittella attivita Socjali. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti qablu sabiex jinghata l-permess mehtieg.

## 3. Sotto Kumitat tas-Sidien ta' l-Opri tal-Bahar

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, nforma lill-Kunsilliera dwar l-iskop principali ta' dan is-soto kumitat tas-sidien ta' l-opri tal-bahar. Barra minn hekk, zied jghid li fil-laqgha li saret ghas-sidien ta' l-opri tal-bahar gew maghzula 5 persuni sabiex ikunu parti minn dan is-sotto kumitat dawn kienu, is-Sur Joe Cachia, is-Sur Raymond Piscopo, is-Sur Martin Zammit Field, is-Sur Joe Cchia maghruf bhala Fanali u s-Sur Alex Gatt. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex is-Segretarja Ezekuttiva ticcekja l-ligi tal-Kunsilli Lokali jekk membru li ma jkunx residenti mill-Birgu jistax jifforma parti mis-sotto kumitat tal-Lokal.

## 4. Ftuh ta' Ufficju Informattiv ghat-turisti fil-Birgu

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, qal li l-Awtorita Maltija ghat-Turizmu ser tiftah Ufficju Informattiv ghat-turisti ezattament fil-Berga ta' l-Ingilterra. Barra minn hekk, is-Sindku zied jghid li ntlahaq ftehim sabiex f'dan l-ufficju jahdmu fih preferibbilment nies mill-Birgu u ghal daqs tant ntbghat avviz lir-residenti kollha tal-Birgu sabiex min hu nteressat jigbor formola ta' applikazzjoni mill-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill. Is-Sur John Boxall, qal li n-nies li ser jintghazlu mill-Awtorita Maltija ghat-Turizmu ser tkun l-istess Awtorita li taghmel il-hlas taghhom.

## 5. Impjieg ta' skrivan/a fuq bazi part-time mal-Kunsill

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, ipprezenta Memo 46/09 mahruga mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn nforma lill-Kunsilli Lokali li l-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsilli kollha jridu jibdew jifthu nhar ta' Sibt bejn it-8:00a.m u l-11:30 ta' filghodu biss. Wara diskussjoni, s-Sindku nforma lill-kunsilliera li wara diskussjoni ma' l-Istaff Klerikali u s-Segretarja Ezekuttiva, irrizulta li dawn ma xtaqux li jahdmu nhar ta' Sibt u ghal daqstant is-Sindku ssugerixxa sabiex tissejjah applikazzjoni ghall-impjieg ta' skrivan/a fuq bazi ta' part time. Dwar dan kien hemm qbil unanimu..

## 6. Decizjoni dwar it-Tender ghat-tiswija u manutenzjoni tad-dawl tat-toroq

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li din is-sejha ghalqet nhar il-Gimgha 31 ta' Lulju, 2009, u ntefghet applikazzjoni wahda biss, dik tal-kumpanija J.F.Mallia Ltd. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li l-kunsill ghandu jaccetta din l-offerta, l-Kunsillier Ivan Peresso ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**7.** **Laqgha Teknika tal-progett ”Oralities”**

Is-Sur John Boxall, Sindku, ta rendikont lill-Kunsilliera tal-preparamenti li qeghdin isiru ghall-konferenza tal-progett Oralities. Is-Sindku zied jghid li b’kollox ser jattendu 18-il delegat mis-sitt pajjizi membri f’dan il-progett. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bhalissa qeghdin jingabru l-kwotazzjonijiet ghat-trasport kif ukoll fakkar il-Kunsilliera li l-Kunsill irid joffri ikla lid-delegati. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**8.** **L-attivitajiet ta’ Jum il-Birgu, 2009**

Il-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar, ta rendikont tal-preparamenti li qeghdin isiru ghall-organizzazzjoni ta’ Jum il-Birgu 2009, li ser issir nhar is-Sibt 5 ta’ Settembru, 2009. Wara diskussjoni, s-Sindku, s-Sur John Boxall issugerixxa sabiex din is-sena d-diskors ta’ l-okkazjoni jsir mis-Sur J.C. Azzopardi. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**9.** **Birgu Fest 2009**

Is-Sur John Boxall, Sindku, ta rendikont tal-preparamenti li qeghdin isiru ghall-organizazzjoni tal-Birgu Fest 2009, liema attivita ser tittella bejn id-9 u 11 t’Ottubru, 2009. Is-Sindku, stqarr li ghal din l-attivita ser jittella’ wkoll l-festival fi hdan il-progett Oralities u ghal daqstant ser jintbghatu 6 gruppi minn 6 pajjizi membri f’dan il-progett.

**10.** **Affarijiet Ohra**

Is-Sur John Boxall, Sindku ghan-nom tal-Vici Sindku, Kunsilliera u l-Istaff Klerikali wera s-soghba u ta l-Kondoljanzi lill-Kunsilliera Judith Saliba ghat-telfa tar-ragel taghha Edwin Saliba.

Il-laqgha ntemmet fid-9:00 ta’ filghaxija.

____________________________ __________________________

Christine Bonello ikkonfermati John Boxall
Segretarja Ezekuttiva Sindku